

Brussell, 30 ta' Marzu 2022
(OR. en)

7740/22

LIMITE

MAMA 51
MED 8
MA 2
ENV 301
ENER 111

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 2)/Kunsill
Suġġett:	Sħubija Ekoloġika bejn l-UE u l-Marokk - Awtorizzazzjoni għan-negozjar ta' strument mhux vinkolanti

1. Fid-9 ta' Marzu 2022, il-Kummissjoni infurmat lill-Grupp ta' Ħidma dwar il-Maxreq/il-Magreb (MaMa) bl-intenzjoni tagħha li tidħol f'negozjati dwar Memorandum ta' Qbil (MtQ) f'isem l-UE dwar Sħubija Ekoloġika mal-Marokk (WK 3463/2022 + COR 1).
2. Il-MtQ previst dwar Sħubija Ekoloġika huwa maħsub biex joffri l-opportunità li jiġi stabbilit qafas strutturat għal djalogu sistematiku bejn l-UE u l-Marokk dwar is-setturi ewlenin ikkonċernati. Għandu jitqies ukoll fil-kuntest tal-kooperazzjoni dwar l-enerġija u t-tibdil fil-klima peress li diġà kien element importanti tas-sħubija bejn l-UE u l-Marokk kif enfasizzat ukoll fid-Dikjarazzjoni Konġunta UE-Marokk tal-2019 (dok. 10955/19).
3. Fil-laqgħa tiegħu tat-28 ta' Marzu 2022, il-MaMa qabel, min-naħa tiegħu, mas-suġġeriment tal-Kummissjoni li jidħol f'negozjati dwar il-MtQ previst abbażi ta' indikazzjonijiet imniżżla fid-dokument WK 3463/2022 COR 1.
4. Huwa mifhum li l-Kummissjoni ser iżżomm lill-MaMa infurmat dwar il-progress tan-negozjati u ser terġa' lura għand il-Kunsill fi tmiem in-negozjati biex tfittex l-approvazzjoni tal-Kunsill tal-abbozz ta' MtQ f'isem l-Unjoni Ewropea.

5. Soġġett għal konferma mill-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti, il-Kunsill huwa għalhekk mistieden japprova l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tidħol f'negozjati dwar Memorandum ta' Qbil f'isem l-UE dwar Sħubija Ekoloġika mal-Marokk.

